# Il-Ħadd 22.03.2020

1. F'dan iż-żmien straordinarju minħabba l-*Coronavirus* (COVID-19), waqt li nibqgħu nisimgħu sewwa u nħarsu d-direttivi li qed ningħataw mill-awtoritajiet tas-saħħa, u bħala nsara dak ukoll li jgħidulna l-Isqfijiet ta' Malta u Għawdex, ejjew nibqgħu wkoll ningħaqdu u nissaħħu bit-talb:

   **NINKURAĠĠIXXU TALB PRIVAT,** u li għal din ir-raġuni,
   **<u>Il-Knisja Parrokkjali</u>** ser tkun miftuħa:
   - Mit-Tnejn sas-Sibt AM: bejn 7:00am u 7:30am; PM: bejn 6:00pm u 7:00pm
   - Il-Ħadd AM: bejn 8:00am u 9:00am; PM: bejn 5:00pm u 6:00pm

   **<u>Il-Knisja ta' Santa Marija</u>** tkun miftuħa bħas-soltu:
   - Mit-Tnejn sal-Ġimgħa biss AM: bejn 8:00am u 12:00pm; PM: bejn 3:00pm u 6:00pm

   **MINKEJJA LI MHUX ISIR QUDDIES** tajjeb insegwu x-xandiriet tal-Quddiesa fuq <u>TVM2</u>, <u>www.knisja.mt</u>, <u>www.Quddies.com.mt</u>, u <u>Newsbook.com.mt</u> kif indikat:
   - Mit-Tnejn sal-Ġimgħa - Fid-9:30am - Quddiesa mill-Kappella tal-Kurja
     Fil-5:30pm - Quddiesa u Rużarju quddiem Ġesù Ewkaristija.
   - Is-Sibt u l-Ħadd - TVM2 ser ixandar iċ-ċelebrazzjoni tal-Quddies mis-Santwarju ta' Pinu, Għawdex, u minn knejjes f'Malta.

   **L-UFFIĊĊJU PARROKKJALI**, qed jinżamm jiffunzjona fil-jiem u l-ħinijiet tas-soltu.
   Biss ninkuraġġixxi li l-aħjar mod biex wieħed jinqeda huwa billi:
   - jibgħatli email:- **<u>parrocca.safi@maltadiocese.org</u>**, jew
   - iċempilli fuq Tel. no.:- **<u>21649223</u>** (l-Uffiċċju), jew fuq Mob. no.:- **<u>79604561</u>** (Kappillan).

   **NIEĦDU ĦSIEB XULXIN**, anke billi permezz ta' xi telefonata / video chat naraw li l-familjari / ġirien tagħna jkunu jinsabu tajbin u mhumiex imċaħħda minn xi bżonnijiet essenzjali tal-ħajja.
   - Helpline għall-Anzjani ta' aktar minn 60 sena għal għajnuna ta' ikel u mediċina: **<u>25903030</u>**.

2. Illum 22/03, **ir-Raba' Ħadd tar-Randan**:- Ara Ġw 8, 12: Jiena d-dawl tad-dinja.
   <u>https://cakmalta.org/jumilmulej/NEW%20IMAGES/1124_4Randan.pdf</u>
   - **QARI I** - 1 Sam 16, 1b.6-7.10-13a: David ikkonsagrat sultan ta' Iżrael.
   - **SALM RESPONSORJALI** - Salm 22 (23), 1-3a.3b-4.5.6: Il-Mulej hu r-ragħaj tiegħi.
   - **QARI II** - Ef 5, 8-14: Qum mill-imwiet, ħa jiddi fuqek Kristu.
   - **L-EVANĠELJU SKONT SAN ĠWANN** - Ġw 9, 1-41: Mort, inħsilt, u ġejt nara.

3. L-Erbgħa 25/03, **Solennità tat-Tħabbira tal-Mulej, il-Lunzjata**:
   *Tajjeb li llum b'ħeġġa nitolbu lil Alla bl-interċessjoni ta' Ommna Marija.*
   - **QARI I** - Isaija 7,10-14 **SALM RESPONSORJALI** - Salm 39, 7-11
   - **QARI II** - Lhud 10, 4-10 **L-EVANĠELJU SKONT SAN LUQA -** Lq 1, 26-38

4. Il-Ħadd 29/03, **il-Ħames Ħadd tar-Randan**:- Ara Ġw 11, 25a.26: Jien hu l-qawmien u l-ħajja.
   <u>https://cakmalta.org/jumilmulej/NEW%20IMAGES/1125_5randan.pdf</u>
   - **QARI I** - Eżek 37, 12-14: Inqiegħed ruħi fikom u terġgħu tieħdu l-ħajja.
   - **SALM RESPONSORJALI** - Salm 129 (130), 1-2.3-4ab.4c-6.7-8: Għand il-Mulej hemm it-tjieba
   - **QARI II** - Rum 8, 8-11: L-Ispirtu ta' dak li qajjem lil Ġesù mill-imwiet jgħammar fikom.
   - **L-EVANĠELJU SKONT SAN ĠWANN** - Ġw 11, 1-45: Jien hu l-qawmien u l-ħajja.

5. Minħabba ċ-ċirkustanzi preżenti, għal din is-sena 2020, mhux se jsiru l-manifestazzjonijiet pubbliċi tad-Duluri u dawk tul il-Ġimgħa Mqaddsa, inkluż tal-Ġimgħa l-Kbira u tal-Għid il-Kbir. Fid-dawl ta' dan id-digriet mill-Kongregazzjoni għall-Kult Divin u d-Dixxiplina tas-Sagramenti, qegħdin jithejjew direttivi rigward iċ-ċelebrazzjonijiet marbuta mal-Gimgha Mqaddsa f'Malta.

6. Nitolbu għal Joseph Gatt li għadda għal ħajja ta' dejjem.
   It-Talb u d-Difna ser isiru it-Tnejn 23/03 fil-11:15am fiċ-Ċimiterju tal-Parroċċa tagħna.
   Agħtih, o Mulej, il-mistrieħ ...